A.L. 445 ta' l-2007

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħames Skeda qegħda hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

Jemenda l-paragrafu (4) tal-partita 12 fit-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda.

2. Fil-paragrafu (4) tal-partita 12 fit-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda, minflok il-kliem "Il-provvista ta' oġġetti fejn l-imsemmija provvista jkollha x'taqsam u tkun essenzjali għall-provvista tas-servizzi riferiti fil-paragrafi (1), (2) u (3) ta' din il-partita, mill-iskola, istituzzjoni, università jew għalliem, skond il-każ, li jipprovdu dawk is-servizzi." għandhom jidħlu l-kliem "Kull taħriġ fl-arti li jingħata minn xi organizzazzjoni akkreditata mir-Reġistru għall-Akkreditazzjoni fit-Taħriġ ta' l-Arti."

Iżid paragrafu ġdid numru (5) fil-partita 12 fit-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda.

3. Minnufih wara paragrafu (4) tal-partita 12 fit-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej :

"(5) Il-provvista ta' oġġetti meta l-imsemmija provvista jkollha x'taqsam u tkun essenzjali għall-provvista tas-servizzi riferiti fil-paragrafi (1), (2), (3) u (4) ta' din il-partita, mill-iskola, istituzzjoni, università, għalliem jew organizzazzjoni, skond il-każ, li jipprovdu dawk is-servizzi.".

Jemenda Taqsima Ħamsa ta' l-Iskeda.

4. Fil-paragrafu (2) tal-partita 4 fit-Taqsima Ħamsa ta' l-Iskeda, minnufih wara s-sub-paragrafu (b) għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:–

"(ċ) kiri ta' spazju għal attivitajiet artistiċi u kulturali.".